**18 ta' Jannar, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Teresa Schembri ne.

*versus*

Giuseppe Xuereb et.

**Filjazzjoni Illeġittima — Att tat-Twelid — Minuri — Illeġittimità tal-Persuna — Art. 80 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Wieħed jista', skond il-liġi maltija, jirreklama stat kuntrarju għal dak ta' iben leġittimu li jagħti'eh l-att tat-twelid, meta dan l-istat ma jkunx akkompanjat minn pussess konformi għalieh. Imma dan hu dritt esklużivament personali, u għandu jkun subordinat għall-volontà u kunsens tat-titolari stess bħala l-persuna direttament interessata u milquta.*

*Għaldaqstant, mara hija persuna illeġittima biex tipproponi f'isem uliedha minuri li twieldu minn relazzjoni f'et li kel-*

*lha ma' raġel divers minn żewġha, u li huma reġistrati bħala wlied leġittimi ta' żewġha, azzjoni biex dawk it-tfal jiġu dikjarati wlied illeġittimi mwieldin minn dak ir-raġel l-ieħor, u hekk jitilfu l-istat li għandhom ta' tfal leġittimi tar-raġel ta' ommhom. Jekk dawk it-tfal, meta jilħqu l-età tagħhom, ikunu jippreferixxu stat ta' prole adulterina f'lok leġittima, ħalli jkunu huma arbitri tat-tornakont tagħhom. u mhux ħadd ieħor mingħajr il-kunsens tagħhom, f'materja tant grav' u delikata*

*Fil-każ preżenti, l-illeġittimità tal-persuna tal-mara attriċi ġiet sollevata mill-Qorti "ex officio".*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi nomine, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, premess li ċirka disgħa snin ilu l-attriċi nfirdet minn ma' żewġha Rosario Schembri, u minn dak iż-żmien sa issa l-attriċi qatt ma kienet miegħu, iżda kienet tgħix mal-konvenut Giuseppe Xuereb; u premess li mill-imsemmi Giuseppe Xuereb l-attriċi kellha ħamest itfal, u ċjoè Giuseppa li twieldet fit-28 ta' Marzu 1950 (dok. 1), Antonia li twieldet fis-7 ta' Marzu 1951 (dok. 2), Carmela li twieldet fit-30 ta' Marzu 1952 (dok. 3), Michele li twieled fid-19 ta' Diċembru 1953 (dok. 4), u Emmanuele il twieled fid-9 ta' Marzu 1955 (dok. 5); u premess li, kif jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża, il-konvenut Giuseppe Xuereb dejjem ittratta dawn il-ħamest itfal bħala wliedu u kien jaħseb għall-manteniment tagħhom, u dan l-aħħar telaq lill-attriċi; u billi l-istess tfal huma magħrufa bħala wliedu minn nies u l-attriċi ma kienetx ma' rġiel oħra; talbet (1) li jiġi dikjarat u deċiż minn din il-Qorti illi l-konvenut Giuseppe Xureb huwa l-missier naturali tal-imsemmija tfal minuri Giuseppa, Antonia, Carmelo, Michele u Emmanuele; (2) u li l-konvenut Giuseppe Xuereb jiġi minn din il-Qorti kundannat iħallas lill-attriċi għall-imsemmija ħamest itfal minuri pensjoni alimentarja fl-ammont, ħin u lok li jiġu fissati mill-istess Qorti. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Il-minuri ndikati fiċ-ċitazzjoni huma dikjarati fl-att tat-twelid tagħhom (dok. A. B. C. D. E.) bħala wlied l-attriċi u żewġha l-konvenut Rosario Schembri. Huma ġew konċepiti matul iż-żwieġ tal-attriċi mal-istess konvenut Schembri; u hekk, in forza tal-preżunzjoni stabbilita fl-art. 80 tal-Kodiċi Ċivili, l-istess konvenut għandu jitqies li hu missierhom, u huma għandhom titolu għall-leġittimità tal-istat tagħhom;

F'dil-kawża, l-attriċi qegħdha tirreklama f'isem l-istess minuri, skond digriet tat-22 ta' Frar 1957, paternità adulterina, u hekk trid tiddistruġġi dak it-titolu għall-leġittimità li l-att tat-twelid jikkonferilhom;

Skond il-liġi maltija, wieħed jista' jirreklama stat kuntrarju għal dak ta' iben leġittimu li jagħtieh l-att tat-twelid, meta dan l-istat ma jkunx akkompanjat minn pussess konformi għalieh ("Huber vs. Mattei", Vol. XXII-II-177; "Portelli vs. Borg", Vol. XXIV-I-127). Iżda, minħabba l-konsegwenzi ta' indoli prevalentement morali, l-eżerċizzju ta' dan id-dritt, fil-fehma ta' dil-Qorti, huwa esklużivament personali, u għandu jkun subordinat għall-volontà u kunsens tat-titolari stess bħala l-persuna direttament interessata u milquta;

Din il-Qorti, fil-kawża "Degiorgio vs. Bonello", Vol. XVIII-II-320, f'każ analogu għal-preżenti, irriteniet illi ma għandux ikun hemm azzjoni ta' riċerka ta' paternità illeġittima f'isem il-minuri li jkun konċepit matul iż-żwieġ, protett kif inhu mill-preżunzjoni "pater is est quem justae nuptiae demonstrant", u rrilevat:— "E vero che qualunque persona può, "tamquam negotiorum gestor", e quindi "in favorabilibus", proporre a nome di un minore qualunque azione dalla quale possa derivargli vantaggio, come quando a nome di un minore nato da una donna libera si propone la ricerca del padre naturale per ottenere una pensione alimentaria; ciò però non è applicabile al caso nel quale C.D., a nome della minore G, che non è capace di consentire, propone un'azione la quale, se avrà un esito adesivo, produrrà contro gli interessi della minore due effetti incontrastabili, l'uno morale e civile, consistente nel privarla del prezioso stato di figlia legittima del marito di una madre, perciò suo padre, in virtù della presunzione

"pater is est quem justae nuptiae demonstrant", e l'altro pecuniario, sebbene eventuale, di farle perdere la successione del padre legittimo";

Għall-istess konklużjoni waslet dil-Qorti fil-kawża "Conti vs. Camilleri" (Vol. XXXII-II-309); għalkemm ġie li ġie ritenut il-kuntrarju;

Id-dritt għar-riċerka tal-paternità naturali tagħha kontra stat ta' leġittimità attribwit lilha bl-att tat-twelid huwa dritt essenzjalment morali, billi huwa ta' ordni superjuri għall-interess pekunjarju, għalkemm jista' jkun minnu akkumpanjat. Il-konsegwenzi ta' stat ta' illeġittimità, darba stabbilit, huma irriparabbli, u jolqtu l-individwu u lis-soċjetà in ġenerali, u jibqgħu jinħassu minn ġenerazzjoni għall-oħra. Għalhekk, fil-fehma tal-ġudikant, l-eżerċizzju ta' dan id-dritt għandu jkun riżervat għattitolari tiegħu personalment;

B'konsiderazzjoni tal-prevalenza tal-interess morali u tal-gravità tal-konsegwenzi, fil-kawża "Schembri vs. Schembri" deċiża mill-Qorti tal-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina fit-22 ta' Frar 1957, ġie ritenut illi l-azzjoni għasseparazzjoni personali ma tistgħax tiġi proposta per mezz ta' kuratur tal-konjuġi; u fil-kawża "Mallia Tabone utrinque", Vol. XXXI-I-40, riferita f'dik is-sentenza, il-Qorti rrilevat:— "Il coniuge innocente è la persona direttamente colpita dalle offese recategli dall'altro, e quindi dovrebbe esserne l'arbitro e il vindice";

Jekk dawn il-konsiderazzjonijiet jgħoddu għall-każ fejn jiġi rivendikat l-unur ta' min f'ismu tkun eżerċitata l-azzjoni, u fejn il-konsegwenzi jistgħu jiġu riparati per mezz tar-rikonċiljazzjoni, kemm aktar jgħoddu fil-każ preżenti? Huwa veru li l-minuri hu preżunt li qed jeżerċita huwa stess azzjoni meta tkun intentata mir-rappreżentant legali tiegħu; dan ma jfisserx, però, mekkanikament, illi kull azzjoni hija proponibbli f'isem il-minuri, mingħajr eżami l-ewwel jekk l-att involut ikunx esklużivament inerenti għall-persuna imħabba fl-indoli essenzjalment morali tiegħu, bħal ma huwa dak li jirrigwarda din il-kawża;

Jekk f'dal-każ, meta jilħqu l-età tagħhom, il-minuri jkunu jippreferixxu stat ta' prole adulterina f'lok leġittima kif sal-lum għandhom, ħalli jkunu huma arbitri tat-tornakont tagħhom, u mhux ħadd ieħor mingħajr il-kunsens tagħhom, f'materja tant gravi u delikata;

Ebda obbjezzjoni ta' indoli prattika, bħal dik ta' dispensjoni eventwali tal-provi, ma sservi biex tħassar innatura tad-dritt in kwistjoni, li għandha tiġi deżunta millessenza tad-dritt stess, u mhux mill-kontinġenzi li fil-ħajja prattika jista' jkun hemm;

Fuq dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti tissolleva "ex-officio" l-eċċezzjoni tal-illeġittimità tal-attriċi biex tipproponi l-azzjoni preżenti;

Għal dawn il-motivi;

Fil-kontumaċja tal-konvenut Giuseppe Xuereb;

Tiddikjara "ex officio" illi l-attriċi mhix persuna leġittima biex tipproponi dan il-ġudizzju;

Tirrevoka "contrario imperio" d-digriet tat-22 ta' Frar 1957;

Tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju;

L-ispejjeż, minħabba n-natura tal-kwistjoni, jibqgħu mingħajr taxxa; b'dan illi dawk tal-attriċi huma a karigu tagħha personalment.